

**Emenda 343****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 12a (ġdida)***Test proposet mill-Kummissjoni**Emenda*

*(12a) It-trasferiment tal-immaniġġar tal-iskart urban, u b'hekk tal-imballaġġ, lejn is-settur privat li seħħ f'għadd ta' Stati Membri ma ġab l-ebda titjib fis-sostenibbiltà ambjentali tas-settur. Dan irriżulta li ma kienx effettiv u ma jikkontribwixxix għall-bidla meħtieġa fil-paradigma tal-irkupru u t-trattament tal-iskart muniċipali, u kompla jikseb livelli baxxi ta' rkupru b'diversi materjali, filwaqt li naqas milli jiffavorixxi l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u żamm ir-rimi fil-landfill bħala s-soluzzjoni ppreferuta. Dan juri n-nuqqas ta' investiment fis-settur u n-nuqqas ta' impenn lejn soluzzjonijiet ambjentalment aktar sodi, bl-approċċè li huwa xprunat mill-profitt u mhux mis-servizz pubbliku li dawn is-sistemi huma obbligati jipprovdju, u b'hekk jonqos milli jilħaq l-objettivi tal-prevenzjoni, il-produzzjoni u l-irkupru tal-iskart li ma jħallux qligħ mil-lat finanzjarju.*

Or. pt

**Emenda 344****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 12b (ġdida)***Test proposet mill-Kummissjoni**Emenda*

*(12b) Ir-regolazzjoni u l-ġestjoni xierqa tal-iskart muniċipali jinvolvu l-immaniġġar pubbliku tas-settur, li jfisser li jitreggħu lura l-proċessi ta' privatizzazzjoni u jittieħed lura l-kontroll pubbliku fis-settur kollu. Jenħtieġ li jiġu stabiliti l-miżuri u l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi nazzjonali għall-immaniġġar tal-iskart, biex jiġu ssalvagwardjati l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni, biex jiġi żgurat li s-servizz pubbliku jiġi pprovdut b'mod effettiv pjuttost milli tintuża l-massimizzazzjoni tal-profitt bħala l-objettiv finali.*

Or. pt

**Emenda 345****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 12c (ġidida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(12c) L-għażla li l-piż ta' ġestjoni privata ineffiċċenti tal-iskart muniċipali jgħaddi fuq il-muniċipalitajiet u ċ-ċittadini, kif inhu l-każ f'diversi Stati Membri, hija żbaljata u toħloq żbilanċi u inugwaljanzi, taċċenna l-assimetriji, u ma tippromwovix il-ġestjoni razzjonali jew id-difiża tal-interessi pubbliċi.*

Or. pt

**Emenda 346****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 12d (ġidida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(12d) Il-fatt li l-kostijiet tal-immaniġġar tal-iskart ikomplu jiġu ttrasferiti fuq iċ-ċittadini permezz tal-applikazzjoni miżjud tat-taxxi, mingħajr ma jkun meħtieġ it-naqqis tal-imballaġġ matul il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, mingħajr ma dawn jiġu pprovduti alternativi kredibbli f'termini ta' konsum tal-prodotti u rimi differenzjat, u mingħajr ma jiġu promossi l-investimenti meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess għal kulħadd għas-sistemi tar-rimi adattati għaċċ-ċirkostanzi reali tal-popolazzjoni, li jiżguraw direzzjonar sussegwenti għar-riċiklaġġ u l-irkupru b'diversi materjali, huwa aspett ieħor li jeħtieġ jiġi analizzat u kkoreġut sabiex ir-rimi fil-landfill jitnaqqas b'mod effettiv.*

Or. pt

**Emenda 347****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 12e (ġdida)***Test proposet mill-Kummissjoni**Emenda*

*(12e) Id-deċiżjoni li l-konsumatur finali jsir responsabbi tonqos milli tindirizza aspetti primarji bħall-prevenzjoni tal-iskart u r-rimi xieraq għall-irkupru, ma tindirizzax it-tqeħħid fis-suq ta' materjali jew tippromwovi l-investimenti meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess għal kulħadd għas-sistemi tar-rimi li huma adattati għaċ-ċirkostanzi reali tal-popolazzjoni u li jiżguraw direzzjonar sussegwenti għar-riċiklaġġ u l-irkupru ta' diversi materjali.*

Or. pt

**Emenda 348****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 23a (ġdida)***Test proposet mill-Kummissjoni**Emenda*

*(23a) Fl-istess ħin, jenħtieġ li jinħolqu wkoll kundizzjonijiet u incəntivi biex l-inkorporazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ fil-proċessi tal-produzzjoni ssir attraenti u biex jiġi promoss it-naqqis tal-imballaġġ għal-livell li huwa strettament meħtieġ, u b'hekk tīgi ffrankata l-materja prima verġni.*

Or. pt

**Emenda 349****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 24a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(24a) Id-diversità tal-punti tat-tluq tal-Istati Membri fir-rigward tal-objettivi proposti b'dan ir-Regolament tirrikjedi sforzi differenti biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Għalhekk, il-miri stabbiliti u l-veloċità tal-implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu xierqa għal kull Stat Membru u jiżguraw perjodu ta' żmien flessibbli b'mod xieraq biex l-ilħuq tal-objettivi definiti tal-pajjiżi jsir fattibbli. Barra minn hekk, ir-riżorsi tal-Komunità disponibbli għall-Istati Membri, b'mod partikolari dawk b'livelli aktar baxxi ta' ġbir u riċiklaġġ, jenħtieġ li jissaħħu biex jiġu promossi l-investimenti meħtieġa fit-tishħiħ tal-kapaċitajiet u l-infrastruttura għal dan il-għan.*

Or. pt

**Emenda 350**  
**João Pimenta Lopes**  
 f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0319/2023**  
**Frédérique Ries**  
 L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
 (COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 84a (ġdida)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(84a) Jenħtieġ li tkun prijorità għall-Istati Membri li jintroduċu l-miżuri u l-istandardi meħtieġa biex jiżguraw li l-operaturi u n-negozji jipproteġu u jippromwovu livelli għolja ta' saħħa u sikurezza okkupazzjonali għall-ħaddiema kollha, skont ir-riskji speċifiċi li huma esposti għalihom u skont is-setturi tal-produzzjoni, ir-riċiklaġġ u l-immaniġġar tal-iskart li jaħdmu fihom.*

Or. pt

**Emenda 351**  
**João Pimenta Lopes**  
 f'isem il-Grupp The Left

**Rapport**  
**Frédérique Ries**  
 L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
 (COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 90a (ġdida)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(90a) Fil-ħajja ta' kuljum, wieħed spiss  
 jiltaqa' ma' ammont irrazzjonali ta'  
 imballaġġ kompletament mhux meħtieġ,  
 b'mod partikolari meta wieħed jixtri ikel  
 bażiku jew prodotti tal-iċċjene, li spiss  
 ikollhom aktar minn saff wieħed ta'  
 imballaġġ, minbarra l-imballaġġ primarju  
 tal-prodott li jiggarrantixxi l-preżervazzjoni  
 u l-integrità tiegħu, filwaqt li l-bqija jkun  
 superfluu u totalment mingħajr użu.  
 Għalhekk, sabiex jitnaqqas l-imballaġġ  
 eċċessiv, jeħtieġ li jiġu indirizzati l-  
 produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.*

Or. pt

**Emenda 352****João Pimenta Lopes**

f'isem il-Grupp The Left

**Rapport****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023****Proposta għal regolament****Premessa 90b (ġdida)***Test proposet mill-Kummissjoni**Emenda*

*(90b) Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex jitnaqqas l-użu massiv ta' imballaġġ superfluu billi jingħelbu l-prinċipji bażiċi tas-suq, li jħeġġu l-konsum bla rażan u jimmassimizzaw il-profitt billi jintużaw tunnellati dejjem akbar ta' imballaġġ superfluu u saħansitra kwantitajiet akbar ta' riżorsi naturali, li jipperikolaw l-ambjent u jgħaddu l-kostijiet fuq il-konsumatur finali. Huma esklużivament l-interessi kummerċjali u tan-negozju li jipprevalu u mhux il-konservazzjoni reali tal-prodotti, b'konsegwenzi negattivi għall-familji, li jridu jħallsu aktar għall-prodotti, u għall-ambjent, peress li jiġu kkunsmati aktar riżorsi u jiġi prodott aktar skart.*

Or. pt